MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 73/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Anna Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna ta' l-intimata ghall-hlas tas-somma ta' tmint elef, sitt mija u tlett Ewro u sittax il-centezmu (€8,603.16), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' debitu fil-*"Loan Account"* ta' l-intimata mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 u A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Jannar tas-sena 2010 sal-jum tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 2008, u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-intimata minn issa ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma dehritx,
la fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimata Anna Camilleri thallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u tlett Ewro u sittax il-centezmu (€8,603.16) lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c.;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------